

# Il-Flaġell tal-Pesta f'Malta fl-1813



Eman Bonnici



**● Il-marda qerrieda tal-pesta feġġet fi gżiritna diversi drabi matul il-perjodu tal-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann. L-ewwel waħda faqqgħet f'Mejju tal-1592 u damet sejra sa Settembru tas-sena ta' wara; faqqgħet mill-ġdid f'Settembru 1623; fl-1655, u bejn l-1675 u l-1676, li ħalliet xejn anqas minn 11,300 vittma[1]. Hija reġgħet feġġet mill-ġdid fi żmien l-Ingliżi fl-1813 bit-total tal-vittmi jlaħħaq l-4,572 ruħ. Iżda x'kienet sewwasew din il-marda li matul is-sekli qatlet miljuni ta' nies madwar id-dinja u li minn kull fejn kienet tgħaddi ma kinitx tħalli għajr ħerba sħiħa u biża' kbir?**

Magħrufa bħala l-*Black Death*, huwa stmat li din il-marda qatlet 'il fuq minn 75 miljun ruħ fl-Ewropa fis-seklu erbatax biss. Sabiex insemmu xi eżempji fejn il-pesta ħalliet numru enormi ta' vittmi nieħdu l-Italja (madwar 280,000 ruħ bejn l-1629 u l-1631); Spanja (mal-500,000 vittma bejn l-1647 u l-1652); Londra (mal-100,000 bejn l-1655 u l-1666); Marsilja u l-madwar (mal-100,000 vittma bejn l-1720 u l-1721); u r-Russja (bejn l-1770 u l-1772, li f'Moska biss qatlet bejn 52,000 u 100,000 persuna). Huwa maħsub li din il-marda "*horribilis*" kif sejħilha tajjeb il-Patri Agostinjan Mark Cauchi, f'waħda mill-kitbiet tiegħu fl-okkażjoni tal-mitejn sena mindu l-flaġell laqat għal darb'oħra lill-Gżejjer Maltin fl-1813[2], imxiet lejn l-Ewropa miċ-Ċina jew mill-Asja Ċentrali, l-ewwel fil-Krimea, u minn hemm fl-Ewropa permezz tal-grieden, jew aħjar mill-briegħed li jġorru magħhom, abbord bastimenti tal-merkanzija. Hekk, il-pesta "bubonika" – kelma ġejja mill-Grieg "*bubo*", li tfisser nefħa infjammatorja fil-glandoli limfatiċi, karatteristika fost dawk milquta minnha - fi żmien erbat ijiem kienet twassal lill-vittma tagħha fil-qabar. Patri Alessandru Bonnici mill-Ordni tal-Franġiskani Minuri Konventwali, f'wieħed miż-żewġ volumi tiegħu dwar l-istorja tar-raħal ta' Ħad-Dingli, jagħtina deskrizzjoni mill-aktar ċara ta' x'kien jiġrilhom sewwasew dawk l-imsejkna li sfaw vittmi tal-pesta: "f'salt wieħed [dawk milquta] kien jaqbadhom id-deni, iħossu uġigħ ta' ras, jagħtihom il-mejt, l-ikel ma jniżżluhx, u jitqallbilhom l-istonku.




*Pittura xena mill-pesta*

Mill-wirk saż-żaqq, jidhru bħal bubuni, jew nefħiet ibsin fil-ġisem, li jġibu magħhom ħafna wġigħ. Xi drabi, in-nefħiet kienu jkunu taħt l-abt u kultant taħt il-widnejn. In-nefħiet kienu jinqasmu u jsiru u kienu ġrieħi jkunu f'kull naħa tal-ġisem u kienu jnixxu d-demm. L-ilsien kien jixxotta u jieħu lewn sewdieni u jinħass għatx kbir. L-urina kienet tidher maħmuġa u mbagħad tiswied u ssir tinten. It-taħbit tal-polz għall-ewwel kien ikun qawwi u mbagħad kien jonqos iżjed min-normal u jiġi bilkemm jinħass. L-imsejken kien jibda jintilef, jhewden u jispiċċa biex itemm ħajtu mitluq għalih waħdu, għax ma kinux jissograw jersqu lejh biex ma jittiħdux minnu" [sic][3]. Mhux biss, iżda mal-mewt, id-dehra tal-katavru kienet spiss tkun waħda li twaħħax: nafu b'każi fejn ras il-vittmi kibret bid-demm ħiereġ minn diversi bnadi mill-iġsma u bi rwejjaħ tal-biża' daqslikieku wieħed ikun ilu mejjet xhur. Dawn ix-xeni li ġraw quddiem għajnejn il-familjari tal-vittmi jew tal-bekkamorti, ħallew impatt ikrah fuqhom. Saħansitra jissemmew każi fejn matul dan il-mument ta' disperazzjoni, xi wħud neħħew ħajjithom. Fil-pesta tal-1676, bekkamort miż-Żejtun ngħidu aħna, jissemma li tant ra xeni simili ma' wiċċu li spiċċa qabeż ġo ġiebja f'Ħal Ġwann[4].

## Mill-Ġdid f'Malta fl-1813



*Għata li kienu jużaw it-tobba biex jipproteġu lilhom infushom*

L-ewwel darba li dan il-flaġell qerriedi feġġ mill-ġdid fil-Gżejjer Maltin fi żmien l-Ingliżi, kien fis-sena 1813, meta diversi bastimenti kienu jsorġu fil-portijiet tagħna. Ġara li l-brigantin Malti *San Niccolò*[5] wasal pajjiżna minn Lixandra, l-Eġittu, u dan il-port kien infettat bil-pesta. Fil-fatt, mit-tnax-il membru li dan il-brigantin kellu abbord laħqu mietu żewġ membri bil-pesta waqt li dan kien fi triqtu lejn Malta. Wieħed mill-vittmi kellu bħal tumur ta' lewn iswed f'għonqu[6]. It-tnejn li huma daru bihom il-kaptan u l-qaddej tiegħu tul il-marda tagħhom. Fid-29 ta' Marzu, hekk kif daħal Malta, il-kaptan tal-brigantin għarraf lill-awtoritajiet tas-saħħa fil-port li l-bastiment kien infettat bil-pesta. Peress li meta wasal Malta, il-kaptan u l-membri tal-ekwipaġġ dehru b'saħħithom, ingħatalhom il-permess li jinżlu l-art u jmorru l-Lazzarett fil-kwarantina. Qabel, qaxxru xagħarhom, inħaslu fl-ilma baħar u tlaħalħu bil-ħall skont kif kienet tgħid il-liġi, waqt li ħallew ħwejjiġhom abbord. Iżda ġara li fl-1 ta' April, il-kaptan ħass uġigħ ta' ras u fuqu dehru sintomi tal-pesta u miet ġurnata u nofs wara. L-istess ġralu l-qaddej tiegħu, li bħalu kien Malti. Għaldaqstant ġew midfunin ħdejn il-Lazzaret fuq il-Gżira Manoel[7]. Intant kien hemm il-ħsieb li l-brigantin jinħaraq jew jiġi mgħarraq, iżda peress li dan kien ifisser li s-sidien kellhom jingħataw kumpens tiegħu, ġie deċiż li minflok jiġi ddiżinfettat u jitħalla jsalpa mill-ġdid lejn l-Eġittu b'ekwipaġġ ġdid, li ngħataw somma flus sabiex jiħduh lura Lixandra[8]. Is-*San Niccolò* ħalla xtutna fl-10 ta' April.

Issa ġara li ċertu Salvatore Borg, skarpan mill-Belt Valletta, xtara xi drappijiet minn fuq il-brigantin bil-kuntrabandu u ħa l-materjal fid-dar tiegħu, f'Nru. 227, fi *Strada San Paolo*. Bintu Anna Maria, ta' tmien snin, ma damitx ma mardet għal għarrieda, tant li mietet fi żmien sitt ijiem fid-19 tax-xahar ta' April. It-Tabib Francesco Gravagna, li eżaminaha, minkejja

li fuq il-katavru tagħha kien hemm evidenza ta' sinjali li ġġib magħha l-pesta, stabilixxa li t-tifla mietet bid-deni tifojde, u għaldaqstant ġiet midfuna fil-knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri ta' Sidtna Marija ta' Ġesù, popolarment imsejħa bħala dik "ta' Ġieżu" fil-Belt. Fl-1 ta' Mejju, it-Tabib Gravagna żar mill-ġdid ir-residenza tal-familja Borg, din id-darba sabiex jara lil mart Salvatore, li kellha seba' xhur tqala u kienet marida gravi. Il-mara xtrat lit-tarbija kmieni, iżda din tal-aħħar twieldet mejta, u fl-4 ta' Mejju segwietha hija wkoll fil-qabar. It-tabib innota, li sew Salvatore, kif ukoll ibnu ta' erba' snin kienu wkoll morda. Hekk fehem li quddiemu kien hemm xi ħaġa ferm aktar serja minn deni tifojde. Kif l-awtoritajiet ġew mgħarrfa b'dan, il-familja Borg u dawk li seta' kellhom xi tip ta' kuntatt magħhom ittieħdu l-Lazzarett. Intant, il-qabla li assistiet lil mart Salvatore tul il-ħlas, ċerta Maria Agius, instabet mejta fid-dar tagħha fi *Strada Sant'Ursola* fil-Belt fis-6 tax-xahar, waqt li tifla ċkejkna, Grazia Pisani, li spiss kienet tmur torqod f'din l-istess dar, mardet u ttieħdet il-Lazzarett. Din il-qabla anzjana nstabet mejta minn ċertu wieħed Delicata, li wara li dam iħabbat ħafna għalxejn, irnexxielu jitfa' l-bieb ġewwa u sab lil Maria għarkupptejha ħdejn sodditha, qisha qed titlob, mejta[9]. Malajr ħa ħsieb jinforma lill-awtoritajiet, li fis bagħtuh il-Lazzarett, pass li aktarx salva lil niesu mill-mewt, għaliex fis-17 tax-xahar dehru fuqu sintomi tal-pesta u miet fi żmien 24 siegħa. Tifel ieħor, kunjomu Falzon, miet f'Nru. 150, fi *Strada San Paolo*, l-għada tal-qabla, u ta' tifel ieħor, kunjomu Briffa. Dwar Falzon ma kienx għalkollox ċert jekk il-mewt tiegħu kinitx kawża tal-pesta, għax peress li ftit qabel kien waqa' l-baħar, kien hemm min kien tal-fehma li d-deni li feġġ fuqu seta' kien konsegwenza ta' dan l-inċident.



*Xeni ta' x'kien iseħħ fi żmien il-pesta tal-1813-1814, tpenġija bil-kortesija ta' Salv Stellini*

Fl-għodwa tat-12 ta' Mejju, l-Iskarpan Salvatore Borg miet il-Lazzarett u minn eżaminazzjoni li saret fuq il-katavru tiegħu kien stabilit li miet kaġun ta' pestilenza li tittieħed[10]. Sadanittant laħaq miet ukoll missier Salvatore, raġel ta' tmenin sena, tlett ijiem qabel ibnu. Meta l-awtoritajiet kienu għoddhom ħasbu li s-sitwazzjoni kienet taħt kontroll, fis-16 ta' Mejju, mietu żewġ ulied tal-Furnar Stellini tal-Belt, tifel u tifla, f'Nru. 92, fi *Strada San Cristoforo*. Għalhekk, l-għada, il-Kummissarju Ċivili u l-Logutenent Ġeneral, ħarġu proklama b'ħames punti, li ordnat fost l-oħrajn li jingħalqu l-iskejjel, tingħata informazzjoni lill-awtoritajiet dwar persuni li kienu ssuspettati li kellhom il-pesta u min jgħaddiha jiġi "mhux biss ippremjat, iżda wkoll ikollu ismu mistur," u li min jaħbi mill-awtoritajiet li kien hemm il-pesta f'daru kellu jiġi kkastigat b'eżekuzzjoni[11]. Ftit ġranet wara, sewwasew fid-29 ta' Mejju, l-Isqof Ferdinando Mattei ħareġ pastorali fejn ordna li jingħalqu l-knejjes, waqt li wissa wkoll li min jazzarda jisraq lill-imsejkna milquta, ikun skomunikat. Iżda minkejja r-regoli u t-twissijiet ħorox li ngħataw, il-pesta baqgħet tinxtered mal-Belt, u fid-19 ta' Ġunju mietu tmienja u jumejn wara għaxra oħra. Sal-24 ta' Ġunju, il-pesta laħqet mhux biss il-

Furjana, iżda wkoll għadd ta' rħula. Fis-17 ta' Lulju, inħarġet notifika li għarrfet li ħadd ma seta' joħroġ minn daru ħlief sal-għaxra ta' filgħodu, waqt li persuna waħda minn kull familja setgħet tmur għax-xirja mis-suq tal-Belt. Fl-aħħar ta' Awwissu, il-marda dehret li kienet għoddha battiet għalkollox mill-kapitali, kif ukoll minn Bormla u mill-Birgu, iżda bdiet tikber fl-irħula, b'mod speċjali f'Ħaż-Żebbuġ, f'Birkirkara u f'Ħal Qormi. Il-Lazzarett ma setax jilqa' fih aktar pazjenti, tant li kellhom jittellgħu għadd ta' kmamar tal-injam fil-fosos ta' madwar il-Belt u l-Furjana, u postijiet oħra bħal Villa Bighi fil-Kalkara u l-kunvent tal-Patrijiet Dumnikani fir-Rabat ġew mibdula fi sptarijiet temporanji. Kien hemm ukoll il-ħsieb li l-Monasteru ta' San Mark tal-Patrijiet Agostinjani fir-Rabat jinbidel fi sptar, iżda din l-idea baqgħet ma mmaterjalizzatx[12].


*Sir Hildebrand Qakes*

## Il-pesta tinxtered… u tasal Għawdex

F'Novembru ġiet ordnata tindifa ġenerali fil-Belt u l-Furjana, fejn bdew jiġu ppurifikati u mbajda d-djar infettati, b'bosta affarijiet jiġu maħruqa barra s-swar. Din il-proċedura kien issir wara li n-nies tiġi mgħarrfa bid-daqq tat-tanbur, sabiex fil-mument li fih jgħaddu mit-toroq l-affarijiet għall-ħruq, tinġabar f'darha. Iżda s-sitwazzjoni xejn ma kienet simili f'diversi nħawi oħra madwar il-gżira. Il-flaġell tal-pesta kien sadanittant laħaq infirex fost l-oħrajn f'Birkirkara, f'Ħal Qormi, f'Ħaż-Żebbuġ, fir-Rabat u fin-Naxxar. Għawdex, li sa dik il-ħabta baqa' bla mittiefes mill-flaġell, tniġġes mill-pesta f'Marzu tal-1814, fir-raħal tax-Xagħra, li malajr sab ruħu iżolat mill-bqija tal-irħula l-oħra tal-gżira sabiex hekk il-marda tiġi kkontrollata u ma tinfirixx. Dawk li ntlaqtu mill-marda, ittieħdu f'binja fil-lok magħruf bħala "ta' Menzja" fl-inħawi ta' Għajn Lukin. B'kollox mietu f'Għawdex 104 persuni. Il-pesta jingħad li waslet Għawdex wara li missier u bintu żaru qarib tagħhom f'Ħal Qormi u magħhom tellgħu Għawdex għonnella infettata. Oħrajn jgħidu li raġel li nżamm il-Lazzarett fil-kwarantina, qabel ħalla Malta mar jaqla' kaxxa li kien difen f'xi mkien qabel ma ġie rikoverat u ma fetaħhiex qabel wasal Għawdex, għaldaqstant seta' ġarr fiha xi mikrobi.

Intant laħaq wasal Malta l-ewwel Gvernatur, Sir Thomas Maitland, li fis ħa ħsieb iqiegħed miżuri mill-aktar stretti sabiex dan il-flaġell jintemm. Ħaż-Żebbuġ ġie maqsum fi tliet distretti, imħarsa minn tliet deputati kull wieħed, waqt li Ħal Qormi, li kien l-aħħar post li baqa' infettat, ġie iżolat għalih waħdu: ir-raħal mhux biss ġie iżolat iżda twaqqfu barrikati b'għases kontinwi, u hekk safa' konvertit prattikament f'Lazzarett waħdu. Ittellgħu żewġ ħitan, għaxar passi bogħod wieħed mill-ieħor, wieħed għoli sitt piedi u l-ieħor għaxra u magħhom tqegħdet għassa stretta. Fl-4 ta' Diċembru 1813, Ħal-Qormi tqiegħed taħt il-liġi marzjali u hekk mat-3000 ruħ, sfaw maqtugħin għalihom. Wara tliet xhur, Ħal Qormi ġie ddikjarat liberu mill-pesta f'Lulju 1814, waqt li l-Gżejjer Maltin ġew uffiċjalment iddikjarati meħlusa mill-flaġell nhar it-8 ta' Settembru tal-istess sena.

## Eroj taż-Żelu Appostoliku u tal-Ħidma Umanitarja

Kienu bosta dawk li ħadmu bla heda fost l-appestati, b'mod speċjali fl-oqsma appostoliċi




*Mappa li turi l-irħula l-aktar milquta mill-pesta 1813-14*

u umanitarji, li bosta minnhom sfaw huma wkoll vittmi ta' din il-marda qerrieda. Nibdew mill-lat umanitarju. It-Tabib Gabriele Pullicino, minn Ħaż-Żebbuġ, baqa' msemmi għall-ħidmiet umanitarji tiegħu matul il-flaġell. Aktar tard kellu sehem attiv fil-politika u kien elett fil-Kunsill tal-Gvern fl-1849. It-Tabib Luigi Pisani – missier il-magħruf Dr. Aloisio Pisani, li għandu bust fil-Mall tal-Furjana – kien tabib tal-fqar fil-Kottonera u ħadem ħafna fost l-appestati. Miet vittma tad-dover milqut mill-istess marda. Miegħu nsemmu wkoll lit-Tabib Feliċ Brignone, li miet jassisti l-appestati f'Ħaż-Żebbuġ u t-tabib Ingliż, George McAdam, li minn jeddu mar jassisti l-appestati tax-Xagħra, Għawdex, u miet magħhom, flimkien ma' tabib ieħor, Mikelanġlu Pace. Aktar tard issemmiet għal kull wieħed minnhom triq f'dan ir-raħal. It-Tabib Salvatore Bardon, li tul dan il-perjodu kellu taħt il-ħarsien tiegħu l-isptar tal-pesta fuq il-Gżira Manoel, ukoll laqqat il-marda, iżda fieq u dam iservi fil-qasam mediku għal ħamsin sena sħaħ, sakemm irtira fl-1849, bħala Primarju tal-Isptar Ċivili.

Vittmi taż-żelu appostoliku mbagħad insibu diversi. Nibdew mill-kleru djoċesan u reliġjuż tal-Belt Valletta. Mill-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, mietu l-Kanonku Prepostu Dun Giuseppe Raffaele Camilleri, il-Kan. Dun Ġużepp Xerri, il-Kan. Dun Mikelanġ Farrugia, il-Kan. Dun Pawl Borg, il-Kan. Dun Pawl Cauchi, Dun Ferdinandu Camilleri, Dun Gejt Tramblet, Dun Franġisk Agius, Dan Ġwann Sammut, Dun Feliċ Haber, id-djaknu Franġisku Borg, is-suddjaknu Mikelanġ Imbroll, u l-kjeriċi Samwel Caruana, Ġanni Muscat, Ġużeppi Gatt u Mikiel Tanti[13].

Id-Dumnikani tilfu lil Patri Nikol Trapani, li matul il-funeral tiegħu nqala' l-inkwiet, kif isemmielna Patri Filipp Mallia OP[14]. Ġara li l-parruċċani tal-Belt ma ridux li l-katavru ta' Patri Trapani jittieħed fuq karretta kif kien jiġri s-soltu bl-appestati, iżda riedu li jiġi meħud fuq l-ispalla, għalkemm din il-mossa kienet tmur kontra r-regolamenti tal-kummissjoni tas-saħħa. Xħin waslu Putirjal, rahom it-tabib ewlieni tal-Gvern li ordnalhom jieqfu u jkomplu t-triq bil-karretta iżda huma ssuktaw mexjin u għalhekk it-tabib kellu jdawwarhom bis-suldati u ma waqqafhomx ħlief b'ħafna theddid li kien ser jiffuċillahom ilkoll. Biss, għalkemm il-katavru ta' Patri Trapani tqiegħed fil-karretta, in-nies xorta waħda baqgħet sejra warajh sabiex takkumpanjah għad-difna. Id-Dumnikani wrew kuraġġ kbir mal-appestati tal-1813 u ma' Trapani nżidu lill-kappillan ta' Santa Marija tal-Portu Salvu, Patri Vinċenz Portelli u wkoll lil Patri Vinċenz Geremia Cumbi u Patri Salv Debattista, li dawn tal-aħħar kienu jakkumpanjaw il-mejtin għad-difna b'sogru kbir għal ħajjithom. Dawn il-ħidmiet wasslu lill-Papa Piju VII biex mal-kostruzzjoni tal-knisja l-ġdida tagħhom fil-Belt, għollielhom l-istatus tagħha dlonk għall-ġieħ ta' bażilika minuri.



*Il-Gvernatur Sir Thomas Maitland*

Fin-nekroloġju tal-Patrijiet Franġiskani Minuri nsibu mniżżla xi ismijiet ta' wħud li sfaw vittmi tal-pesta huma u jassistu l-morda, fosthom lil ċertu Fra Giuseppe minn Genova, li ħarab ma' zijuh lejn Malta meta r-Repubblika ta' Ġenova nħakmet mill-Franċiżi u sabu kenn fil-kunvent tal-Franġiskani fil-Belt, u li meta wera x-xewqa li jissieħeb magħhom sab oppożizzjoni kbira iżda eventwalment sar ajk. Bniedem ta' penitenza kbira, li ma damx ma kiseb fama ta' qdusija, miet waqt li kien qiegħed jassisti lill-impestati fil-Lazzaret fil-11 ta' Awwissu 1813 u difnuh Tal-Pietà, fejn indifnu wkoll żewġ terzjarji tal-istess Ordni tiegħu li mietu matul il-flaġell: Rosario Farrugia u Pietro Paolo Fenech li dan tal-aħħar miet ukoll vittma tal-karità hu u jassisti l-moribondi[15].

Il-Kapuċċini, li bħala Kustodju kellhom dik il-ħabta lil Patri Pietru Anton miż-Żejtun, tilfu erba' patrijiet. L-imsemmi Patri Pietru Anton, wara ħidma twila fil-missjoni fil-Brażil u fil-Kongo, reġa' lura Malta u sal-lum għadu msemmi għall-ħidmiet umanitarji tiegħu mhux biss tul il-pesta li dwarha qegħdin nitkellmu, iżda wkoll tul l-imxiji tal-kolera tal-1830 u l-1837. L-Agostinjani mill-banda l-oħra, baqgħu jsemmu l-ħidmiet tal-magħruf Majjistru Patri Pietru Pawl Laferla de Fremeaux li miet fil-qadi tal-ministeru tiegħu nhar is-26 ta' April tal-1813 fil-kunvent ta' Santu Wistin fil-Belt fl-għomor ta' 44 sena. Iben familja nobbli, il-Majjistru kien lettur ta' fama fl-ibliet Taljani ta' Viterbo u Fano, kif ukoll Vigarju Ġenerali tas-Sant Uffizzju fid-djoċesi ta' Gubbio, fl-Umbria, l-Italja.

Patri Pietru Pawl kien diġà wera ħiltu fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi, meta wara li l-knisja u l-kunvent ta' San Mark tal-Agostinjani fir-Rabat sfaw oppressi u ngħataw lill-Franġiskani Konventwali, ħadem u kiteb ħafna sakemm seħħlu jerġa' jakkwistahom mill-ġdid. Sal-lum l-Agostinjani għadhom jgħidu li kieku ma kienx Patri Laferla li reġa' akkwista l-knisja u l-kunvent ta' San Mark, ma kienu jerġgħu jeħduhom qatt, kif stqarru l-istess Delegati tal-Gvern ta' dik il-ħabta[16]. Għall-ħidmiet tiegħu matul il-pesta, kemm il-Vigarju tal-Isqof u kif ukoll il-Prepostu ta' Birkirkara faħħruh għall-ħeġġa tiegħu lejn il-morda. Bħala għarfien lejn ħidmietu, ħutu r-reliġjużi Agostinjani qabbdu lill-Pittur Gejtu Calleja jagħmel ritratt biż-żejt tal-Majjistru li għadu jidher sal-lum fil-kuritur tal-Kunvent ta' Santu Wistin fil-Belt.



*Tqarbin fi żmien il-Pesta, pittura ta' Pietru Pawl Caruana*

F'Ħaż-Żebbuġ mietu ħames qassisin: Dun

Silvestru Chetcuti, Dun Feliċ Pace, Dun Filippu Calleja, Dun Ġużepp Curmi u Dun Bartilmew Attard. Curmi kellu 50 sena u kien prokuratur ħabrieki tal-knisja parrokkjali. Kien hu li wassal lil Dun Filippu Calleja ċ-ċimiterju li tiegħu kien qrib ħafna, u nstema jgħidlu: "O Dun Filippu, ma ddumx ma tarani lili wkoll nistrieħ hawnhekk għad-dell tax-xbieha ta' Sant'Andrija" [sic][17]. Dan Dun Filippu kien il-fundatur tal-Missjoni l-Kbira: kien saċerdot miġjub ħafna u b'tifkira tiegħu twaqqaf monument tal-ħaġar fuq qabru. Meta ċ-ċimiterju fin-naħat "Tal-Għodor," fejn kien oriġinarjament midfun, safa abbandunat, sabiex ma jintilifx, il-monument flimkien mal-fdal ta' Dun Filippu ġew ittrasferiti lejn iċ-ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù f'dan l-istess raħal. Dari kienet teżisti l-*Pia Opera della Grande Missione del Prezioso Sangue di Nostro Signore Gesù Cristo* li maż-żmien sfat fix-xejn. Dun Filippu, imħeġġeġ minn żewġ saċerdoti oħra, fosthom Dun Bert, li ssemma aktar 'il fuq, li bħalu safa vittma tal-pesta, nieda mill-ġdid din l-opra pija u għaliha ħalla ġidu kollu fuq is-sodda tal-mewt. Din l-opra għadha teżisti



*Il-Monument għal Dun Filippu Callejja fiċ-Ċimiterju tal-Qalb ta' Ġesù Ħaż-Żebbuġ*

sal-lum il-ġurnata u hija magħrufa bħala l-"Missjoni l-Kbira." Dun Bert Attard jissemma li kien bniedem ta' qdusija u Dun Salv Ciappara jsejjaħlu "martri tal-ħniena." Dwaru jgħid: "professur tal-letteratura fis-Seminarju, kien bniedem mogħni bl-għerf u l-ħniena… kiteb bosta skrizzjonijiet u paniġierki sbieħ bit-Taljan… kien jorqod mal-art għera u jserraħ rasu fuq ġebla li kien iżommha moħbija taħt is-sodda. Kulma mbagħad kien ikollu kien iqassmu lill-fqar. Imqar




*Dun Filippu Callejja Saċerdot skond il-qalb t'Alla waqqaf u għana l-missjoni l-kbira miet bil-pesta fit-13 ta' Settembru 1813. Kien l-ewwel midfun fiċ-Ċimiterju ta' Sant'Andrija u bit-tħabrik tal-istess missjoni, il-fdal u l-monument li kellu fuq qabru nġiebu hawn f'dan iċ-ċimiterju fl-24 ta' Settembru 1956 biex ismu u l-ħidma tiegħu ma jintesewx.*

arloġġ li kien tahulu wieħed sinjur, biegħu biex iqassam il-flus miksuba minnu lill-familji batuti. Kien dejjem bla flus: imma meta ma kienx jista' jgħin minn jeddu u jara kemm kienu kbar il-ħtiġijiet ta' ħaddieħor, kien imur jittallab għand nies tat-tajjeb biex jikseb għajnuna għall-inqas ixxurtjati. Ħnientu wriet ruħha l-aktar meta faqqgħet il-pesta. Attard kien jgħallem fis-Seminarju u ma kellux ħarsien tal-erwieħ f'idejh, imma l-imħabba għal għajru fl-1813 ġagħlitu jsir viċi-kurat. Il-qasam tal-akbar ħniena tiegħu kien il-qatgħa art magħrufa bħala Tal-Barrakki, mitt pass bogħod lil hinn mill-mitħna Tal-Għodor fejn kienu miġburin il-bosta nies milqutin bil-pesta" [sic][18]. Milqut mill-flaġell, xi nies rawh minn fuq il-bjut jitlob għarkupptejh fuq saqqu tat-tiben f'nofs il-bitħa tad-dar tiegħu, fejn ftit wara ntilef minn sensih u miet fit-28 ta' Settembru 1813 ta' 30 sena. Indifen fiċ-ċimiterju tal-infettati, fejn kienu rawh iġorr il-ħamrija biċ-ċestun sabiex jgħin lid-deffien jidfen lill-appestati.

F'Għawdex miet imbagħad Dun Vinċenz Cauchi, it-tieni kappillan tax-Xagħra, jassisti l-vittmi, l-istess bħat-Tobba McAdam u Pace. Jinsabu midfuna t-tlieta li huma mal-bqija tal-vittmi f'Għajn Lukin, ftit metri bogħod mill-binja li serviet ta' sptar għall-appestati u l-istess bħalhom, għandu triq imsemmija għalih fix-Xagħra.

## Fejn Indifnu l-Vittmi

Dari l-mejtin kienu jindifnu fil-knejjes rispettivi tal-irħula u l-ibliet tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jmutu b'mard infettiv, b'mod speċjali bil-pesta u l-kolera. Jekk dan il-mard qerriedi kien joħloq problema fl-assistenza lejn dawk milquta, il-katavri ta' dawn tal-aħħar kienu joħolqu problema akbar, ħaġa li kienet tirrepeti ruħha ma' kull imxija. Knejjes abbandunati u għelieqi 'l barra mill-abitat laqgħu fihom għexerien ta' katavri ta' dawn l-imsejkna. Fl-1813, il-vittmi ta' Birkirkara ngħidu aħna, indifnu fil-Knisja l-Qadima (dik il-ħabta abbandunata), u fil-madwar tagħha, kif ukoll f'ċimiterju li twaqqaf apposta fl-inħawi li sal-lum għadhom jissejħu "tal-Infetti;" ta' Ħal-Lija f'dak li llum inbidel fiċ-ċimiterju tar-raħal li naraw fit-triq li tieħu għall-Mosta; ta' Ħal Luqa fil-kappella ta' Santa Marija tal-Ftajjar u fiċ-ċimiterju fit-triq tal-Gudja, li minnu maż-żmien ħareġ iċ-ċimiterju li naraw illum; tal-Mosta f'dak magħruf bħala "ċ-Ċimiterju l-Qadim" fl-



*Iċ-Ċimiterju Ta' Brija Siġġiewi*



*Iċ-Ċimiterju Ta' Trapna Ħaż-Żebbuġ*

inħawi tad-Durumblat li llum spiċċa u oħrajn fiz-zuntier tal-kappella tal-Viżitazzjoni; tan-Naxxar fiċ-ċimiterju ta' Gadaf li jinsab fit-triq li tieħu għal Burmarrad, illum il-ġurnata mitluq għalkollox; tal-Belt u l-Furjana fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku f'Tal-Pietà, li llum spiċċa; ta' Ħal Qormi fil-lok fejn illum naraw iċ-ċimiterju tar-Riżurezzjoni; tar-Rabat fiz-zuntier tal-kappella tat-Twelid tal-Verġni Marija msejħa "ta' Qasgħa;" tas-Siġġiewi fiċ-ċimiterju "ta' Brija" li llum ma fadal xejn minnu għajr iċ-ċint li jdawru; ta' Ħaż-Żabbar fejn illum hemm iċ-ċimiterju tal-Ħniena; f'Ħaż-Żebbuġ f'żewġ ċimiterji fl-inħawi magħrufa "tal-Għodor" li flokhom illum hemm iċ-ċimiterju ta' Sant'Andrija; taż-Żejtun fiċ-ċimiterju ta' Santu Rokku biswit il-knisja ta' Santa Katarina l-Qadima, magħrufa aħjar bħala dik "ta' San Girgor", li suċċessivament dam magħluq mitt sena; taż-Żurrieq fl-inħawi tal-kappella ta' Ħal Millieri; u dawk tax-Xagħra, Għawdex, f'għalqa fl-inħawi ta' Għajn Lukin, midfen li llum jinsab fi stat t'abbandun kbir. Naturalment, kien hemm xi eċċezzjonijiet, meta xi wħud sfaw midfuna f'xi għalqa għalihom weħidhom u oħrajn f'xi kripta ta' xi knisja u l-oqbra tagħhom ġew imbarrati bil-ħadid sabiex ma jinfetħux qabel ma jgħaddu tal-inqas mitt sena mid-difna.

Problema kbira oħra li l-katavri kienu joħolqu kienet proprju min ser jidfinhom, għalhekk inħarġu l-ħabsin sabiex jieħdu ħsieb it-trasport u d-difna tagħhom. Esposti daqstant għall-mard, ħafna minnhom spiċċaw mietu, u għalhekk inġiebu minflokhom priġunieri oħra, diversi minnhom bil-kundanna tal-mewt, minn Sqallija. Bħala kumpens, dejjem jekk jgħixu, dawn il-priġunieri ma' tmiem l-imxija ġew imwegħda l-ħelsien, bil-kundizzjoni li jħallu pajjiżhom. Filwaqt li t-tobba, wara li jindilku bil-ħall, kienu jilbsu libsa partikolari - għata li kienet tinkludi maskra f'għamla ta' munqar twil – il-bekkamorti kienu jxeddu fuqhom imnatar twal tal-kotnina midluka biż-żejt b'barnuż f'rashom. Id-dehra tagħhom fit-toroq kienet tqanqal biża' kbir, mhux biss għall-fatt li kienu jġorru l-iġsma tal-vittmi iżda wkoll għad-diżonestà li kienu magħrufa li jwettqu minn kull fejn jgħaddu. Jissemmew diversi ġrajjiet li jitfgħu dawl dwar dak li għaddew minnu tant imsejkna li, wara li kienu diġà ntlaqtu mill-pesta, sfaw għal darb'oħra vittmi, din id-darba ta'



*Tqarbin fi żmien il-pesta*




*Skrizzjoni li tinsab taħt statwa tal-Madonna tal-Isla*

serq u abbużi oħra. Il-katavri tal-appestati kienu jinġarru f'katalett - li wieħed minnhom għadna nistgħu narawh sal-lum il-ġurnata fil-Mużew tas-Santwarju f'Ħaż-Żabbar – u mnejn jgħaddi kienet tindaqq qanpiena b'sinjal sabiex min jinzerta għaddej mit-triq ifittex iwarrab.

## Ringrazzjamenti u Tifkiriet

Taqbila popolari dak iż-żmien kienet tgħid: "tal-Belt l-irvinati; tal-Birgu l-impestati; ta' Bormla l-attakkati u tal-Isla l-irvellati." Issa peress li l-Isla matul l-imxija tal-pesta tal-1813 baqgħet bla mittiefsa, il-Kanonku Fortunato Panzavecchia (1797-1850), skular magħruf Senglean, biddel din it-taqbila għal "tal-Belt l-irvinati; tal-Birgu l-impestati; ta' Bormla l-attakkati u tal-Isla Illiberati"[19]. Ma' tmiem l-imxija saru diversi avvenimenti ta' radd il-ħajr lil Alla talli l-poplu fl-aħħar nett inħeles minn dan il-flaġell qerriedi. Fil-kon-katidral ta' San Ġwann tkanta t-Te Deum fid-29 ta' Jannar 1814, jum li nżamm bħala wieħed solenni; f'Ħal Qormi twaqqfet statwa ta' San Bastjan, qaddis meqjus bħala protettur kontra l-pesta, flimkien ma' Santu Rokku u għadd oħrajn, fosthom San Valentinu, San Kwirinu ta' Neuss, San Adeodatu ta' Nevers u San Kolomanu ta' Stockerau, waqt li f'Għawdex minn dejjem inżammet devozzjoni partikolari lejn Sant'Ursola bħala protettriċi għall-ħelsien mill-pesta. Il-Bormliżi għamlu purċissjoni bl-istatwa tar-Redentur fir-raba' Ħadd ta' wara l-Għid minn Bormla sa Ħaż-Żabbar, waqt li s-Sengleani waqqfu statwa tal-Madonna, popolarment imsejħa "tan-Nofs", b'turija ta' ringrazzjament talli l-Isla baqgħet ħielsa mill-pesta. Oriġinarjament, din l-istatwa kien tinsab f'nofs Triq il-Vitorja, fuq il-ġibjun ta' Wignacourt. Illum qiegħda f'Misraħ l-4 ta' Settembru. Minn popolazzjoni ta' mitt elf ruħ, il-marda qatlet 'il fuq minn erbat elef u ħames mitt persuna waqt li l-pajjiż safa fi kriżi



*Il-Kappella ta' Santu Rokku Ħaż-Żebbuġ*

finanzjarja, bl-ispejjeż meħtieġa matul l-imxija jammontaw għal 2,583,685 skud. Il-ħabsin ingħataw l-ewwel amnestija tagħhom mill-Ingliżi mat-tmiem tal-kwarantina ġenerali fil-pajjiż, waqt li l-kummerċ ma reġax ġie lura għan-normal qabel l-1826[20].

## Il-Pesta Llum

Fl-1894, waqt li kien jinsab f'Hong Kong matul imxija pandemika tal-pesta, it-Tabib Żvizzeru Alexander Yersin skopra l-mikrobu responsabbli mill-pesta bubonika, li aktar tard issemma għalih: *Yersinia Pestis*. Sal-1910 sar magħruf li l-bergħud *Xenopsylla cheopis* kien jittrażmetti l-mikrobu fost il-ġrieden li mal-mewt tagħhom kien jinxtered imbagħad fuq il-bniedem. Għalkemm il-kelma 'pesta' llum il-ġurnata tinstema' aktarx bħala xi ħaġa ta' żmien ieħor, ma jfissirx li m'għadhiex teżisti. F'pajjiżi fejn il-livell ta' sanità huwa wieħed baxx, il-pesta għadha tidher minn żmien għal żmien, u waqt li din tista' titfejjaq b'sempliċiment *penicillin*, fi nħawi fejn mediċini simili ma jaslux, bħal ngħidu aħna, pajjiżi tropikali, din il-marda għadha teqred diversi ħajjiet, bl-aħħar vittma rrapurtata jkun tifel ta' ħmistax-il sena fil-Kyrgyzstan, l-Asja Ċentrali, f'Awwissu tal-2013.

Settembru 2013

**Noti u Referenzi**

(1) Micallef, Joseph (1985), *The Plague of 1676: 11,300 deaths*.
(2) Cauchi, Mark (27.05.2013), "Il-Pesta tal-1813 f'Malta," *L-Orizzont*.
(3) Bonnici, Alexander (2000), Ħad-Dingli: Raħal f'Taqbida mal-Ħajja, pp. 68, 69.
(4) Micallef, Joseph (1985), *The Plague of 1676: 11,300 deaths*, pp. 94, 95.
(5) Diversi kitbiet jagħtu l-isem ta' dan il-brigantin bħala *San Nicola*, iżda peress li Robert Calvert fir-rapport tiegħu *An Account of the origin and progress of the Plague of Malta, in the year 1813* tal-1815 iniżżlu b'dan il-mod, qegħdin inġibuh aħna wkoll taħt dan l-istess isem.
(6) Calvert, Robert (1815), *An Account of the Origin and Progress of the Plague of Malta, in the Year 1813*, p. 3.
(7) *Ibid.,* p. 4.
(8) *Ibid.,* p. 5.
(9) *Ibid.,* p. 10.
(10) *Ibid.,* pp. 12, 13.
(11) *Ibid.,* pp. 15-17.
(12) Cauchi, Mark (16.07.2013), "L-Agostinjani ta' San Mark fi żmien il-pesta tal-1813," *L-Orizzont*
(13) SAL (2006) - "Kanonċi Pawlini Vittmi tal-Pesta," *Programm tal-Festa San Pawl Nawfragu - 10 ta' Frar 2006*, pp. 62, 63.
(14) Mallia, Filipp (1975), *Il-Fratellanza tas-Ss.Mu Sagrament fil-Parroċċa ta' S.M. tal-Portu Salvu l-Belt 1575 - 1975*.
(15) Aquilina, Ġorġ (2011), *Il-Franġiskani Maltin (Ta' Ġieżu): Mill-1482c sal-Konċilju Vatikan II - 1965c*, p. 609.
(16) Cauchi, Mark (15.05.2013), "It-Tieni Ċentinarju mill-Mewt tal-Majjistru Laferla de Fremeaux OSA," *L-Orizzont*.
(17) Vella, Luret (1986), *Storja ta' Ħaż-Żebbuġ*, p. 75.
(18) Ciappara, Salv (2001), Ġrajjet Ħaż-Żebbuġ: bit-Taljan ta' Dun Salv Ciappara maqluba għall-Malti minn Frans Sammut, p. 157.
(19) Attard, Christian (09.06.2013), "The Plague 200 Years Ago", *The Malta Independent*.
(20) Vella, Marjanu (2001), *Beatu Nazju Falzon : Glorja tal-Kleru Malti* (rivedut u aġġornat minn Ġorġ Aquilina OFM.,), p. 8.